MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2007

Appell Kriminali Numru. 239/2007

Il-Pulizija
(Spt. M. Mallia)
Vs
Sebastian Farrugia

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kif ukoll ir-rapport tal-probation officer tat-13 ta’ Marzu, 2006 li bih, wara li tat informazzjoni lill-Ewwel Qorti, talbet li dik il-Qorti tappunta data in konformi ma wahda mill-kondizzjonijiet maghmula fil-konfront ta’ Sebastian Farrugia.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-11 ta’ Gunju, 2007, li biha, ddecidiet li ghall-akkuzi li sabitu hati permess tas-sentenza tas-17 t’Awissu, 2005, ikundannatu ghal sentejn prigunerija effettiva.

Oltre dan, ordnat li s-sentenza sospiza ta’ sena moghtija lilu nhar it-8 t’April, 2003 minn din il-Qorti diversament preseduta li kienet giet imgedda permezz tas-sentenza ta’ din il-Qorti tas-17 t’Awissu, 2005, tigi operattiva, b’dan li l-appellant ghandu jaghmel b’kollox tlett (3) snin prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-21 ta’ Gunju, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tikkancella s-sentenza appellata w tilliberah jew alternattivament tvarja s-sentenza moghtija fejn il-Qorti dehrilha li kellha tittratta ma’ l-appellant mill-gdid dwar il-htija skond sentenza tas-17 t’Awissu 2005 u minflok tinfliggi emenda ta’ mhux izjed min mitt lira Maltin (LM100).

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti :- 1. Li minn ezami tas-sentenza appellata ma jidhirx li sar xi rapport mill-ufficjal tal-probation fit-termini tal-proviso tal-art. 21 (1) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta u b' hekk il-proceduri huma monki ab initio. 2. Illi anki jekk, in pessima ipotesi, x-xiehda tal-probation officer Carmen Borg tat-8 ta' Mejju, 2006, tista' tigi b' xi mod miftehma bhala r-rapport tal-probation officer, il-Qorti xorta ma kellhiex tiehu konjizzjoni ta' dar-rapport peress li ma jirrizultax li dan sar entro t-terminu ta' tlitt xhur minn-nuqqas allegat fit-termini tal-proviso ghall-artikolu 21(1b); 3. Illi anki jekk, in pessima ipotesi, kien hemm xi nuqqas fl-imgieba tal-appellant li jaderixxi ruhu ma' l-ordni tal-probation, dan kien pjuttost *de minimis* u l-appellant kien wera li rriforma ruhu u ma kienx baqa' aktar dipendenti fuq id-droga. Ghalhkk l-Ewwel Qorti ma kellhiex timxi bl-estremi tal-ligi u kellha, se mai, twahhal lill-appellant ammenda ta' mhux aktar minn LM100.

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tal-20 ta' Settembru, 2007, li bih il-Prosekuzzjoni w d-difiza qablu li mir-ricerki li

ghamlu fil-process ma jinstab ebda rapport tal-probation officer bil-miktub.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi dwar l-ewwel zewg aggravji jidher li dawn huma bazati fuq ezami superficjali hazin li sar kemm mill-abbli difensur u mill-abbli prosekutur tal-atti processwali li wasslu ghad-decizjoni appellata.  Jidher li dawn jikkonsistu fil-process kontra l-appellant ghal reati ta' serq u tentattiv ta' serq u li kkommetta dawn ir-reati fit-terminu operattiv ta' sentenza sospiza. Dan l-process suppost kien intemm bis-sentenza definittiva tas-17 t' Awwissu, 2005 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, fejn, wara li l-appellant kien instab hati, dik il-Qorti kienet poggiet lill-appellant taht probation ghal tlitt snin taht diversi kondizzjonijiet u estendietlu l-periodu tas-sentenza sospiza ghall-erba snin ohra.(fol. 61 et seq.)

In segwitu ghal din is-sentenza insibu fil-process Nota tas-Senior Probation Officer tal-1 ta' Settembru, 2005, li biha infurmat lill-Ewwel Qorti li l-kaz tal-appellant kien ser jigi segwit mill-Ufficjal tal-Probation Trevor Calafato. (fol. 189). Sussegwentement fis-26 ta' Dicembru, 2005, l-istess Senior Probation Officer Miriam Sevasta pprezentat rikors (Fol. 190) li bih infurmat lill-Qorti li dan Trevor Calafato ma kienx ghadu impjegat bhala probation officer u ghalhekk *inter alia* talbet li l-kaz tal-appellant jigi assenjat lil Carmen Borg. B' Digriet tad-29 ta' Dicembru, 2005, il-Qorti laqghet is-suggeriment tar-rikorrenti w ghamlitu taghha (fol.191)

A fol. 192, hemm umbaghad verbal ta' seduta tad-29 ta' Marzu, 2006, li jghid li meta ssejhet il-kawza deher l-imputat , l-ispettur Mallia u l-Avukat Herrera ma dehrux u li l-kawza (Sic!?) kienet qed tigi differita ghall-5 t' April, 2006 fid-9am. Isegwu mbaghad xi verbali ta' differiment fejn ma sar xejn u fit-8 ta' Mejju, 2006 gie verbalizzat li xehdet bil-gurament il-probation officer Carmen Borg  u, wara li l-imputat iddikjara li ma kienx qed jiehu droga, l-Qorti ordnat li jsirulu xi testijiet tad-demm u tal-awrina ghall-

prezenza ta' droga dritt wara s-seduta minn analista nominat minnha stess dak inhar.(fol. 196).

Fix-xhieda tal-probation officer Carmen Borg jinghid li hi kienet qed tikkonferma r-rapport li kienetipprezentat fl-atti tal-kawza fit-13 ta' Marzu, 2006 u li minn dak in-nhar il quddiem l-imputat kien zamm kuntatt kemm maghhom kif ukoll mas-Sedqa. Kellu problema li mhux qed jaghti *urine test* ghax kien qed jiehu d-DHCs.(Fols 197-198).

Issa fil-waqt li l-prosekuzzjoni w d-difiza vverbalizzaw li kienu jaqblu li mir-ricerka li ghamlu fil-process ma jinsab ebda rapport tal-probation officer bil-miktub, dan ir-rapport fil-fatt jinsab mehmuz mall-*"cover"* ta' barra ta' wara tal-process, kif hallietu din il-Qorti sal-lum, flimkien ma' Digriet tal-Ewwel Qorti li jgib id-data tat-13 ta' Marzu, 2006 fejn jinghid li l-Qorti rat ir-rapport tal-Probation Officer Carmen Borg ipprezentat nhar it-13 ta' Marzu, 2006 u ordnat in-notifika ta' dan ir-rapport lill-imputat u proprju appuntatu ghas-smiegh ghad-29 ta' Marzu, 2006 fid-9 a.m..

Ghalhekk dan ir-rapport kien u ghadu fil-process pero' ovvjament, b' xi zvista tal-istaff tal-Ewwel Qorti, ma giex inserit u infilzat fejn suppost u cioe' fil-pagni numerati kronologikament tal-process. Dan pero', ghalkemm wassal ghall zball tal-appellant sfortunatament avallat mill-prosekutur, ma jimporta ebda nullita' fil-proceduri w tas-sentenza appellata. Inoltre dar-rapport jissodisfa r-rekwiziti kollha preskritti mil-ligi fl-artikolu 21 tal-Kap.446. Ghalhekk l-ewwel aggravju hu manifestament infondat u qed jigi respint.

Illi umbaghad minn dan ir-rapport jirrizulta ampjament li n-nuqqas tal-appellant kien jirrientra entro l-periodu ta' tlitt xhur immedjetament qabel il-prezentata tieghu, u kien jikkonsisti fi ksur ripetut tal-kondizzjonijiet li kienu gew imposti fuq l-appellant mill-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha tas-17 t' Awwissu, 2005 u l-Ordni ta' Probation maghmul tahtha. Ghalhekk it-tieni aggravju huwa ukoll infondat u qed jigi respint.

Dwar il-piena li erogat l-Ewwel Qorti, l-principju regolatur huwa li din il-Qorti ma tvarjax il-piena jekk din tkun entro l-parametri tal-ligi u ma jkunx jidher li hija manifestament eccessiva jew mhux adatta ghal-kaz in ezami. Wara li ezaminat il-fedina penali alkwantu refrattarja tal-appellant, l-iter processwali w l-ksur tal-kondizzjoni tal-probation ripetut fuq firxa ta' zmien da parti tal-appellant, kif jirrizultaw mid-depozizzjonijiet diversi li ta quddiem l-Ewwel Qorti l-ex-probation Officer Trevor Calafato, jidher li ma hemmx raguni biex din il-Qorti tvarja l-piena erogata.

Ghalhekk l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata qed tigi konfermata fl-intier taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------